

Emenda 1
Karsten Lucke
 Rapporteur

Rapport
Karsten Lucke
 L-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali
 (2023/2106(INI))

A9-0407/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

26. Jinnota li l-Każakistan huwa l-ewwel Stat tal-Asja Ċentrali b'EPCA ratifikat, li jipprovdi pedament sod għall-espansjoni tal-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin ta' interess reċiproku, bħall-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-iffirmar tal-memorandum ta' qbil bejn ir-Repubblika tal-Każakistan u l-UE dwar sħubija strateġika dwar il-materja prima sostenibbli, il-batteriji u l-ktajjen tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ikomplu jimplimentaw riformi politiċi u ekonomiċi, li għandhom isaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-viżjoni ta' "Każakistan Ġust u Ekwu" trid tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda, u ttejjeb il-qafas elettorali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ilestu l-investigazzjoni dwar l-avvenimenti ta' Jannar 2022, jipubblikaw is-sejbiet tagħhom u jiżguraw il-ġustizzja għall-vittmi tat-tortura; jinnota l-benefiċċji potenzjali ta' żieda fl-iskambji bejn il-persuni mal-Każakistan permezz ta' ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża, li l-konsultazzjonijiet **formali** tiegħu bdew

Emenda

26. Jinnota li l-Każakistan huwa l-ewwel Stat tal-Asja Ċentrali b'EPCA ratifikat, li jipprovdi pedament sod għall-espansjoni tal-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin ta' interess reċiproku, bħall-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-iffirmar tal-memorandum ta' qbil bejn ir-Repubblika tal-Każakistan u l-UE dwar sħubija strateġika dwar il-materja prima sostenibbli, il-batteriji u l-ktajjen tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ikomplu jimplimentaw riformi politiċi u ekonomiċi, li għandhom isaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-viżjoni ta' "Każakistan Ġust u Ekwu" trid tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda, u ttejjeb il-qafas elettorali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ilestu l-investigazzjoni dwar l-avvenimenti ta' Jannar 2022, jipubblikaw is-sejbiet tagħhom u jiżguraw il-ġustizzja għall-vittmi tat-tortura; jinnota l-benefiċċji potenzjali ta' żieda fl-iskambji bejn il-persuni mal-Każakistan permezz ta' ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża, li l-konsultazzjonijiet tiegħu bdew f'Mejju

f' Mejjju 2023;

2023;

Or. en